



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

15571/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0416 (NLE)

ECOFIN 1198
UEM 363
FIN 1178

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-
valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) minn Ċipru fis-17 ta’ Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tiegħu lill-Kunsill. Fit-28 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021”)¹.
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta’ kull Stat Membru kellha tiġi aġġornata sat-30 ta’ Ġunju 2022 f’konformità mal-metodoloġija prevista fih. Fit-30 ta’ Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta’ dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) FI-1 ta’ Settembru 2023, Ċipru ppreżenta RRP nazzjonali modifikat, inkluż kapitolu tar-REPowerEU f’konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (4) L-RRP modifikat iqis ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f’konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 tiġi emendata f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki għall-RRP ippreżentati minn Ċipru jikkonċernaw 78 miżura.

¹ Ara d-dokumenti ST 10686/21; ST 10686/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (5) Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lil Ċipru fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-Kunsill irrakkomanda li Ċipru, *inter alia*, iżomm pożizzjoni fiskali soda filwaqt li jippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżgura l-assorbiment effettiv tal-appoġġ taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (“il-Faċilità”) u tal-fondi tal-Unjoni, b’mod partikolari biex titrawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li Ċipru jnaqqas id-dejn privat, inkluż billi jiġi implimentat qafas effettiv ta’ preklużjoni, u li tittejjeb il-governanza tal-entitajiet tal-istat. Sabiex inaqqas id-dipendenza ġenerali tiegħu fuq il-fjuwils fossili u jisfrutta l-potenzjal kollu mhux sfruttat għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, Ċipru ġie rakkomandat li jagħmel aktar investimenti fil-grilja tal-elettriku, iħaffef l-iżvilupp tal-interkonnessjonijiet tal-elettriku, jagħti spinta lill-effiċjenza enerġetika, jaqleb lejn trasport sostenibbli u jindirizza l-isfidi fir-rigward tal-ħiliet u l-kompetenzi ekoloġiċi.
- (6) Is-sottomissjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta’ konsultazzjoni, imwettaq f’konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f’konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta’ dak ir-Regolament.

- (7) L-RRP modifikat ippreżentat minn Ċipru jaġġorna 10 miżuri biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Ċipru spjega li minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima naqset minn EUR 1 005 946 047¹ għal EUR 915 758 509¹ ma għadux possibbli li jiġu ffinanzjati l-miżuri kollha tal-RRP Ċiprijott oriġinali. Ċipru spjega li ċerti miżuri jenħtieġ li jitneħħew minħabba t-tnaqqis fl-allokkazzjoni u biex jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa meta mqabbla mal-RRP oriġinali ta' miżuri oħra.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Ċipru tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

- (8) L-RRP modifikat ma għadux jinkludi ċerti miżuri taħt il-komponenti 2.3 - Ġestjoni Intelliġenti u Sostenibbli tal-Ilma, 3.1 - Mudell Ġdid ta' Tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija, 3.3 - Appoġġ min-negozji għall-kompetittività, 3.4 - Immodernizzar tal-awtoritajiet pubbliċi u lokali, ġustizzja aktar effiċjenti u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u 4.1 - Aġġornament tal-infrastruttura għall-konnettività. Dawk il-miżuri jikkonċernaw l-investiment C2.3I7 - Infrastruttura tal-Lvant ta' Nikosija għall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi ttrattat biex tiżdied il-kapaċità tal-ħżin ta' Impjant tat-Trattament tal-Ilma Mormi fiż-żona Vathia Gonia biex ikun jista' jintuża l-ammont kollu tal-ilma mormi ttrattat; l-investiment C3.1I4 Bidu tat-twaqqif ta' Park tax-Xjenza Ekoindustrijali biex jiġi stabbilit il-qafas biex jiġi inkoraġġit it-tkabbir ta' investiment dirett li jibni kollox mill-ġdid, u jiġi ospitat raggruppament ta' entitajiet tal-manifattura ħafifa li jiffukaw fuq l-enerġija rinnovabbli (enfasi fuq l-enerġija solari), is-soluzzjonijiet agroteknoloġiċi, u l-ICT; investiment C3.3I3 - Servizzi ta' konsulenza għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) għall-promozzjoni tal-iżvilupp tal-SMEs f'Ċipru u ż-żieda fil-kompetittività tagħhom, permezz ta' servizzi ta' konsulenza mfassla apposta u għodod oħra ta' appoġġ mhux finanzjarju; investiment C3.3I5 - Appoġġ tal-estoverzjoni u l-ftuħ ta' ditti Ċiprijotti għall-kummerċ internazzjonali biex tissaħħaħ l-estoverzjoni ta' intrapriżi ġodda u eżistenti attivi fl-oqsma tal-manifattura u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u industrijali kif ukoll fornituri ta' servizzi; investiment C3.4I1 - Razjonalizzazzjoni tas-sistema tax-xiftijiet permezz tal-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Ppjanar tar-Rosters biex jiġu ottimizzati x-xejriet tal-bidla u jinkisbu gwadanji fil-produttività u fl-effiċjenza fl-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku li jipprovdu servizzi f'xiftijiet differenti u investiment C4.1I3 - Link sottomarin għall-Greċja biex tinħoloq konnettività ċentrali tal-internet reżiljenti b'kapaċità għolja għal Ċipru permezz ta' link sottomarin ġdid għall-konnettività tad-*data* bejn Ċipru u l-Greċja. Id-deskrizzjoni ta' dawk il-miżuri u l-istadji importanti u l-miri assoċjati tagħhom għalhekk jenħtieġ li jitneħħew mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021.

- (9) Barra minn hekk, l-RRP modifikat ippreżentat minn Ċipru jibdel il-miżuri taħt il-komponenti 2.1 - Newtralità klimatika, Effiċjenza enerġetika u penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, 2.2 - Trasport sostenibbli, 3.1 - Mudell Ġdid ta' Tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija u 5.2 - Suq tax-Xogħol, Protezzjoni Soċjali u inklużjoni biex tiġi riflessa l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. B'mod partikolari, il-miżura C2.1I4 Tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 fl-industriji, in-negozji u l-organizzazzjonijiet taħt il-komponent 2.1 - Newtralità klimatika, Effiċjenza enerġetika u Penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli; il-miżura C2.2I3 tippromwovi l-użu mifrux ta' Vetturi Elettriċi (EVs) taħt il-komponent 2.2 - Trasport sostenibbli; il-miżura C3.1I12 Ġestjoni tal-iskart lejn ekonomija ċirkolari taħt il-komponent 3.1 - Mudell ta' Tkabbir Ġdid u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija; u l-miżura C5.2I1 Titjib tal-effettività tad-Dipartiment tax-Xogħol u tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u t-tisħiħ tal-appoġġ għaż-żgħażaġh taħt il-komponent 5.2 - Is-suq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali, il-benesseri soċjali u l-inklużjoni jinbidlu biex jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa meta mqabbel mal-RRP oriġinali biex tiġi riflessa l-allokazzjoni mnaqqsa. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (10) Ċipru talab ukoll li juża r-riżorsi li fadal meħlusa bit-tneħħija tal-miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 biex jinkludi miżura. Din tikkonċerna l-investiment C3.1I1 - Kostruzzjoni ta' infrastruttura kollaborattiva tal-akkwakultura tal-baħar (faċilitajiet tal-port u tal-art) fiż-żona kostali ta' Pentakomo bl-istadji importanti korrispondenti 91 u 92 (Kostruzzjoni tal-akkwakultura kollaborattiva tal-baħar u Infrastruttura kollaborattiva operazzjonali tal-akkwakultura tal-baħar).

- (11) L-emendi għall-RRP ippreżentati minn Ċipru minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 48 miżura.
- (12) Ċipru spjega li 12-il miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba li l-inflazzjoni għolja żiedet b'mod konsiderevoli l-ispejjeż stmati tal-miżuri. Wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-inflazzjoni baqgħet għolja fl-2022, fil-livell ta' + 8,1 %, xprunata prinċipalment miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u b'mod partikolari mill-fjuwils fossili importati li fuqhom jiddependi ħafna Ċipru. B'mod partikolari, iż-żieda mhux mistennija fil-prezzijiet tal-materja prima, tal-fjuwil u tat-trasport affettwat is-settur tal-kostruzzjoni, li wassal għal żieda sinifikanti fil-prezz tal-materjali tal-kostruzzjoni domestiċi u importati kif ukoll tal-prodotti elettromeċċaniċi. Iż-żidiet fil-prezzijiet affettwaw ukoll il-biċċa l-kbira tat-tagħmir għat-titjib tal-infrastruttura tal-ittejtjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti. Dan jikkonċerna l-investiment 5: Titjib, immodernizzar u aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru taħt il-komponent 1.1 Sistema tas-Saħħa Reżiljenti u Effettiva, Protezzjoni Ċivili Msaħħa; ir-riforma 1: Tassazzjoni Ekoloġika skont il-komponent 2.1 Newtralità klimatika, Effiċjenza enerġetika u penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli; investiment 2: Promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u indirizzar tal-faqar enerġetiku fl-unitajiet domestiċi b'persuni b'diżabilità taħt il-komponent 2.1 - Newtralità klimatika, effiċjenza enerġetika u penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli; l-investiment 3: Inkoraġġiment tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet pubbliċi lokali/usa' u ffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn

il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih taħt il-komponent 2.1 Newtralità klimatika, effiċjenza enerġetika u penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli; l-investiment 6: Titjib tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti fl-Università ta' Ċipru taħt il-komponent 2.1 Newtralità klimatika, Effiċjenza enerġetika u penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli; l-investiment 9: Protezzjoni min-nirien fil-foresti taħt il-komponent 2.1 Newtralità klimatika, Effiċjenza enerġetika u penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli; l-investiment 6: Tisħiħ tas-sigurtà tal-ilma għar-reġjuni ta' Nikosija u ta' Larnaca taħt il-komponent 2.3 Ġestjoni Intelliġenti u Sostenibbli tal-Ilma; l-investiment 1: Implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) u miżuri li jtejbu l-aċċessibbiltà taħt il-komponent 2.2 Trasport sostenibbli; l-investiment 3: Promozzjoni tal-użu mifrux ta' Vetturi Elettriċi (EVs) taħt il-komponent 2.2 Trasport sostenibbli; l-investiment 6: Riġenerazzjoni u Rivitalizzazzjoni tal-Belt Interna ta' Nikosija taħt il-komponent 3.4 Immodernizzar tal-awtoritajiet pubbliċi u lokali, żieda fl-effiċjenza tal-ġustizzja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; l-investiment 1 Kostruzzjoni ta' Skola Teknika Mudell waħda taħt il-komponent 5.1 Immodernizzar tas-sistema edukattiva, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u l-investiment 4 Ċentri tat-Tfal fil-Muniċipalitajiet taħt il-komponent 5.2 Suq tax-xogħol, protezzjoni soċjali u inklużjoni. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' dawk il-miżuri msemmija billi jiġu emendati ċerti stadji importanti jew miri jew jitneħħew ċerti sottomiżuri, u li tiġi estiża l-iskeda ta' żmien tal-istadji importanti jew tal-miri assoċjati ma' xi wħud minn dawk il-miżuri . Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (13) Ċipru spjega li erba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista. Fl-2022, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-al-Ukrajna wasslet għal żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-komoditajiet f'Ċipru u t-tkabbir ekonomiku naqas (minn 6,6 % fl-2021 għal 5,6 % fl-2022) fost interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista u prezzijiet għoljin tal-enerġija u tal-komoditajiet. Ċipru spjega li t-tfixkil kien partikolarment rilevanti għall-importazzjoni ta' vetturi elettriċi (EVs) ġodda minn barra l-pajjiż, u ż-żmien meħtieġ għat-tagħmir tal-ICT żdied għal livelli mingħajr preċedent, li spiss jaqbu l-180 jum. Dan jikkonċerna l-miżuri li ġejjin: l-investment 2: Ħolqien ta' infrastruttura tal-elettromobbiltà taħt il-komponent 2.2 Trasport sostenibbli, peress li l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista rriżultaw fi skadenza mċaqaqqa b'sitt xhur għal waħda mis-submiżuri fil-miżura (skema ta' għotjiet li għandha l-għan li tippromwovi ċċarġjar ta' vetturi elettriċi minn RES); l-investment 8: Protezzjoni tal-ekosistema tal-baħar mill-perikli u Titjib tal-livell tal-effikaċja tal-mekkaniżmi ta' tħejjija, prevenzjoni u rispons għat-tixrid taż-żejt taħt il-komponent 2.3 Ġestjoni Intelliġenti u Sostenibbli tal-Ilma, peress li t-tfixkil fil-katina tal-provvista wassal għal żviluppi mhux previsti fil-proċess tal-akkwist, li rriżultaw f'ħin itwal ta' manifattura u twassil tal-bastimenti; l-investment 1: Sistema ta' Informazzjoni Integrata għar-Reġistratur tal-Kumpaniji u r-Riċevitur Uffiċjali taħt il-komponent 3.3 Appoġġ kummerċjali għall-kompetittività, peress li l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista wasslu għal żmien itwal ta' twassil tas-sistemi tan-network li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-sistema; u l-investment 1: Diġitalizzazzjoni f'diversi Ministeri tal-Gvern Ċentrali – Servizzi taħt il-komponent 4.2 Promozzjoni tal-gvern elettroniku, peress li l-kwistjonijiet tal-katina tal-provvista wasslu għal diffikultajiet u dewmien mhux mistennija fl-implimentazzjoni tal-miżura għall-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, b'referenza għat-titjib tas-sistemi tal-ambaxxati fl-Ukrajna u r-Russja. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' dawk il-miżuri billi jiġu emendati ċerti stadji importanti jew miri jew jitneħħew ċerti sottomiżuri, u li tiġi estiża l-iskeda ta' żmien tal-istadji importanti u l-miri assoċjati ma' xi wħud minn dak il-miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (14) Ċipru spjega li 14-il miżura ġew modifikati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-miżuri li ġejjin: investiment 6 Użu ta' servizzi tas-saħħa elettronika transfruntiera ġeneriċi f'Ċipru taħt il-komponent 1.1 Sistema tas-saħħa reżiljenti u effettiva, protezzjoni ċivili msaħħa, peress li l-punt ta' kuntatt nazzjonali miftuħ se jkollu aċċess għall-ġbir awtomatiku u mhux sorveljat tal-informazzjoni u l-estrazzjoni tad-*data* permezz tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika (eHDSI), biex jiġu riflessi aħjar ir-rekwiżiti tal-utenti; Investiment 1: Il-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs u fl-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ taħt il-komponent 2.1 Newtralità klimatika, Effiċjenza enerġetika u penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, peress li l-ambitu (SMEs u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ biss) inbidel b'mod partikolari biex jiġi evitat it-trikkib ma' miżura oħra; investiment 4: Inkoraġġiment tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 fin-negozji taħt il-komponent 2.1 Newtralità klimatika, Effiċjenza enerġetika u penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, peress li ġiet miżjuda mira konkreta dwar l-għadd ta' impriżi li żviluppaw pjanijiet għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra; investiment 11: It-titjib u l-estensjoni tan-Netwerk tal-Punti Ħodor ta' Ċipru u l-ħolqien ta' network ta' Punti ta' Ġbir u ta' Rkejjen tar-Riċiklaġġ taħt il-komponent 3.1 Mudell Ġdid ta' Tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija, peress li kwistjonijiet ta' disinn f'postijiet oriġinarjament ippjanati jagħmlu postijiet alternattivi aktar effiċjenti f'termini ta' kostijiet u ħin; riforma 2: Pjattaforma online għat-titjib tas-simetrija kummerċjali u tal-informazzjoni fil-katina tal-provvista ta' prodotti friski taħt il-komponent 3.1 Mudell Ġdid ta' Tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija, peress li l-aktar soluzzjoni kosteffettiva biex jinkiseb l-istess riżultat dehret li tuża u tadatta għodda tal-IT eżistenti aktar milli tiżviluppa waħda ġdida;

riforma 1 Politika u għodod ta' politika Nazzjonali tar-R&I taħt il-komponent 3.2 Riċerka u Innovazzjoni Msaħħa, peress li l-Pjan ta' Azzjoni se jittejjeb biex iqis ukoll is-sejbiet tal-istrateġija riveduta ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u jkopri perjodu ta' żmien itwal; investiment 3 Programm ta' finanzjament tar-R&I dwar it-tranżizzjoni ekoloġika taħt il-komponent 3.2 Riċerka u Innovazzjoni Msaħħa, billi wara l-ewwel sejħa, jistgħu jiġu żviluppati aktar teknoloġiji taħt l-iskema inklużi teknoloġiji ewlenin ta' teknoloġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; riforma 2: It-tisħiħ tal-Mekkaniżmu ta' Attivazzjoni tan-Negożju Rapidu taħt il-komponent 3.3 Appoġġ kummerċjali għall-kompetittività, peress li wara l-adozzjoni ta' strateġija ġdida fl-2021, il-mekkaniżmu rapidu ssaħħaħ u evolva fl-unità għall-faċilitazzjoni tan-negożju, li tipprovdi servizzi avvanzati permezz ta' pjattaforma/sistema diġitalizzata avvanzata; riforma 7: Konsolidazzjoni tal-art urbana skont il-komponent 3.4 Immodernizzar tal-awtoritajiet pubbliċi u lokali, ġustizzja aktar effiċjenti u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, peress li l-miżura ġiet imsaħħa bit-twessigħ tal-ambitu tal-miżura lil hinn miż-żoni residenzjali, u b'hekk ġiet ipprovduta alternattiva aħjar; riforma 4: Qafas legali ġdid u sistema ta' skambju ta' *data* u ufficiċju ta' kreditu taħt il-komponent 3.5 Salvagwardja tal-Istabbiltà Fiskali u Finanzjarja, peress li deher li ARTEMIS, l-entità li hija l-mekkaniżmu attwali ta' skambju ta' *data*, hija l-organiżmu fl-aħjar pożizzjoni biex ikollha s-sjieda tar-reġistru tal-kreditu; riforma 5: Pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' reġistru ta' monitoraġġ tar-responsabbiltà taħt il-komponent 3.5 Salvagwardja tal-Istabbiltà Fiskali u Finanzjarja, peress li l-użu u t-titjib tal-Maħżen ta' Informazzjoni tal-Gvern eżistenti deheru bħala l-aħjar alternattiva fid-dawl tan-nuqqas ta' utilità u effiċjenza ta' outputs previsti oriġinarjament (l-eżistenza ta' żewġ sistemi ta' evalwazzjoni tal-kreditu tista' twassal biex it-teħid ta' deċiżjonijiet joħloq konfużjoni u jkun aktar għali);

investiment 2: Titjib tal-konnessjoni tal-internet biex tkun “lesta għall-gigabits” u promozzjoni tal-użu tal-konnettività 4.1 Aġġornament tal-infrastruttura għall-konnettività, peress li skema orjentata lejn is-servizz tqieset bħala alternattiva aħjar mill-iskema oriġinali, minħabba n-nuqqas ta’ interess tas-suq; ir-riforma 1: Fabbrica tas-Servizzi Diġitali taħt il-komponent 4.2 Promozzjoni tal-gvern elettroniku, peress li l-awtoritajiet Ċiprijotti identifikaw mudell organizzattiv aktar iċċentrat fuq iċ-ċittadin u effiċjenti biex jiġu żviluppati servizzi diġitali; u r-riforma 3 Estensjoni gradwali tal-edukazzjoni preprimarja obligatorja bla ħlas mill-età ta’ erba’ snin taħt il-komponent 5.1 Immodernizzar, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tas-sistema edukattiva, peress li l-ħolqien ta’ kapaċità addizzjonali fil-kindergartens pubbliċi u komunalni, flimkien ma’ skema temporanja ta’ sussidju li takkumpanjaha, huwa mistenni li jkollu impatt konsiderevolment aktar fit-tul u pożittiv, minkejja perjodu ta’ żmien itwal għall-implimentazzjoni. Dan l-approċċ għandu l-għan li jkun ta’ benefiċċju b’mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli. Abbażi ta’ dan, Ċipru talab li jiġi modifikat il-kontenut ta’ xi wħud minn dawk il-miżuri u li tiġi estiża l-iskeda ta’ żmien ta’ ċerti stadji importanti u miri assoċjati ma’ xi wħud minn dawk il-miżuri. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (15) Ċipru spjega li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba nuqqas ta’ offerta. Dan jikkonċerna l-miżuri li ġejjin: investiment 8: Tisħiħ tal-valur miżjud tas-settur tat-turiżmu b’enfasi fuq il-kampanja, iż-żoni muntanjużi u remoti taħt il-komponent 3.1 Mudell Ġdid ta’ Tkabbir u d-diversifikazzjoni tal-ekonomija, minħabba li definizzjoni ristretta wisq ta’ negozji eliġibbli wasslet għal rata baxxa ta’ parteċipazzjoni fl-iskema; u r-riforma 8: It-tisħiħ tas-superviżjoni tal-Fondi tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet taħt il-komponent 3.5 Salvagwardja tal-Istabbiltà Fiskali u Finanzjarja, minħabba grupp żgħir wisq ta’ kandidati li għandhom kwalifiki attwarjali professjonali. Abbażi ta’ dan, Ċipru talab li jiġu modifikati ċerti aspetti ta’ dawk il-miżuri u li tiġi estiża l-iskeda ta’ żmien ta’ ċerti miri. Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta’ Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (16) Ċipru spjega li ħames miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba nuqqas ta' domanda. Dan jikkonċerna l-miżuri li ġejjin: investiment 2: Is-sistema tal-ICT tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru (CIPHIS) taħt il-komponent 1.1 Sistema tas-Saħħa Reżiljenti u Effettiva, Protezzjoni Ċivili Msaħħa, peress li ma kienx hemm biżżejjed tobbja sentinella disponibbli biex idañhlu *data* fil-modulu ta' Sorveljanza Sentinel tal-Influenza (ISS) tas-Sistema tal-ICT tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru; riforma 3: It-titjib ġenetiku tal-popolazzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż ta' Ċipru taħt il-komponent 3.1 Mudell Ġdid ta' Tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija, peress li minkejja l-estensjonijiet tal-iskadenzi tal-offerti, inqas minn 40 benefiċjarju jew bidwi applikaw u kienu eliġibbli; investiment 5: Bliet intelliġenti taħt il-komponent 3.4 Immodernizzar tal-awtoritajiet pubbliċi u lokali, ġustizzja aktar effiċjenti u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, peress li 25 biss mill-muniċipalitajiet tal-gżira esprimew interess li jkunu involuti fl-inizjattiva; investiment 3 Stabbiliment ta' strutturi domestiċi għat-tfal, l-adolexxenti b'disturbi fl-imġiba u l-persuni b'diżabilità u l-persuni fil-bżonn ta' kura fit-tul (LTC) taħt il-komponent 5.2 Suq tax-xogħol, protezzjoni soċjali, benesseri soċjali u inklużjoni, peress li l-ebda operatur ekonomiku ma esprima interess; u investiment 7 Skema għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-intrapriżi l-kbar fis-settur tal-manifattura taħt il-komponent 3.1 Mudell ġdid ta' tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija, peress li l-posponiment irriżulta minn nuqqas ta' domanda suffiċjenti u għadd limitat ta' proġetti eliġibbli, li jeħtieġu l-posponiment tal-ħruġ tas-sejħa għall-offerti b'sena. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li jiġu modifikati ċerti aspetti ta' dawk il-miżuri u li tiġi estiża l-iskeda ta' żmien jew li jitneħħew ċerti miri assoċjati ma' dawk il-miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (17) Ċipru spjega li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament minħabba kwistjonijiet tekniċi u funzjonali mhux mistennija, wara t-tlestija tad-disinn u l-iżvilupp. Dan jikkonċerna l-miżura li ġejja: riforma 9: It-trasformazzjoni diġitali tal-qrati taħt il-komponent 3.4 Immodernizzar tal-awtoritajiet pubbliċi u lokali, ġustizzja aktar effiċjenti u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Wara t-tlestija tal-fażi tad-disinn u tal-iżvilupp, tfaċċaw kwistjonijiet tekniċi u funzjonali mhux mistennija matul l-ittestjar tal-aċċettazzjoni tal-utenti tas-sistema, li kienu jeħtieġu l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi li kkawżaw dewmien. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li tiġi estiża l-iskeda ta' żmien ta' stadju importanti wieħed assoċjat ma' dik il-miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (18) Ċipru spjega li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament fl-iskeda ta' żmien inizjalment ippjanata minħabba rekwiżiti u speċifikazzjonijiet tekniċi neqsin, li se jiġu introdotti meta tidħol fis-seħħ il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-Ambjent ta' Tieqa Unika Ewropea, li tkun meħtieġa biex wieħed jipproċedi b'talba għal offerta u konsegwentement bl-iffirmar tal-kuntratt. Dan jikkonċerna l-miżura li ġejja: investiment 2: Id-diġitalizzazzjoni tal-Awtorità tal-Portijiet ta' Ċipru taħt il-komponent 4.2 Il-promozzjoni tal-gvern elettroniku. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li tiġi posposta l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni ta' parti minn stadju importanti assoċjat ma' dik il-miżuri għall-iskeda tal-istadju importanti sussegwenti. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (19) Ċipru spjega li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament minħabba attackki ċibernetiċi mhux mistennija, li kienu jeħtieġu tfassil mill-ġdid tal-istrateġija ta' ċibersigurtà. Dan jikkonċerna l-miżura li ġejja: riforma 2: Definizzjoni u Implimentazzjoni ta' politika ġdida tal-cloud fir-rigward tas-sistemi u s-servizzi tal-IT tal-Gvern taħt il-komponent 4.2 Il-promozzjoni tal-gvern elettroniku. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li jiġi modifikat il-kontenut ta' stadju importanti wieħed assoċjat ma' dik il-miżura u li tiġi estiża l-iskeda ta' żmien ta' stadju importanti wieħed assoċjat ma' dik il-miżura. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (20) Ċipru spjega li seba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba żviluppi mhux previsti fil-proċessi ta' konsultazzjoni jew ta' akkwist. Dan jikkonċerna l-miżuri li ġejjin: Investiment 4: Akkreditazzjoni ta' sptarjiet pubbliċi u privati taħt il-komponent 1.1 Sistema tas-Saħħa Reżiljenti u Effettiva, Protezzjoni Ċivili Msaħħa, peress li t-tul ta' żmien għat-tlestija ta' proċess ta' akkreditazzjoni għal sptar ma jistax ikun inqas minn sentejn, li ħareġ biss matul il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati; investiment 7: Installazzjoni u tħaddim tal-massa mill-Operatur tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (DSO) tal-Infrastruttura tal-Kejl Intelliġenti (Infrastruttura Avanzata tal-Kejl) taħt il-komponent 2.1 Newtralità klimatika, Effiċjenza enerġetika u penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, peress li seħħ dewmien mhux mistenni minħabba tliet appelli konsekuttivi u minħabba li l-kuntrattur ma kienx kapaċi jissodisfa l-obbligi tiegħu; investiment 13: L-istabbiliment tal-Faċilitajiet tal-Ġestjoni tal-Iskart tal-Bhejjem u tal-Prodotti Sekondarji tal-Annimali (ABP) ta' Orounda taħt il-komponent 3.1 Mudell Ġdid ta' Tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija, peress li r-riżultati tal-istudju ta' fattibbiltà wrew li l-faċilità kellha tiġi ddisinjata mill-ġdid kważi kompletament;

investiment 2: Il-ħolqien ta' Sandbox Regulatorja li tippermetti l-FinTech taħt il-komponent 3.3 Appoġġ kummerċjali għall-kompetittività, peress li d-dewmien fl-akkwist kien ikkawżat mill-ħtieġa li jiġu indirizzati l-iżviluppi tas-suq li ħarġu matul il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati; investiment 6: Fond ta' ekwità ffinanzjat mill-Istat taħt il-komponent 3.3 Sostenn tan-negozju għall-kompetittività, peress li kriterji tal-għażla mhux previsti ta' partijiet terzi wasslu għall-għażla ta' manijer ta' fond domiċiljat fl-Ewropa iżda barra minn Ċipru; riforma 3: Immodernizzar tal-Liġi dwar il-Kumpaniji taħt il-komponent 3.3 Appoġġ kummerċjali għall-kompetittività, minħabba ostaklu mhux previst fil-proċess tal-offerti minħabba l-emendi materjali unilaterali għall-offerta tal-offerent wara l-għoti, li ma setgħux jiġu aċċettati u kellu jiġi ppubblikat akkwist ġdid; u r-riforma 4 Trasformazzjoni diġitali tal-unitajiet tal-iskejjel bl-għan li jissaħħu l-ħiliet diġitali u dawk relatati mal-edukazzjoni STEM taħt il-komponent 5.1 Immodernizzar tas-sistema edukattiva, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, minħabba d-dewmien ikkawżat mill-appell tal-għoti ta' kuntratt, flimkien mal-ispeċifikitajiet ta' dan il-proġett orjentat lejn it-teknoloġija li għamel it-tagħmir teknoloġiku speċifikat fid-dokumenti tal-offerta mhux disponibbli, li kkawża dewmien tekniku matul il-proċess tal-kuntratt. Abbażi ta' dan, Ċipru talab li jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' xi wħud minn dawk il-miżuri u li tiġi estiża l-iskeda ta' żmien ta' ċerti stadji importanti u miri assoċjati ma' xi wħud minn dawk il-miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (21) Abbażi tar-riżorsi meħlusa minħabba l-emendi bbażati fuq l-Artikolu 21, Ċipru ppropona li tiżdied l-ambizzjoni ta' miżura waħda, marbuta ma' domanda ogħla milli mistenni. Dan jikkonċerna l-Investment 10 Tisħiħ tal-prodott tat-turiżmu f'żoni rurali, muntanjużi u remoti taħt il-komponent 3.1 Mudell ġdid ta' tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija, peress li l-interess fl-iskema kien ogħla minn dak mistenni. Fuq din il-bażi, Ċipru talab li jiżdid il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tal-miżura msemmija hawn fuq billi tiżdied waħda mill-miri relatati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (22) Ġew identifikati 17-il żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw 7 stadji importanti u 17-il miżura. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fis-17 ta' Mejju 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u Ċipru. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mar-riforma 1 Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u t-Titjib tal-Kwalità, mar-riforma 2 Disinn ta' pjattaforma elettronika għas-sorveljanza tal-Konsum Nosokomjali tal-Antibijotiċi u l-Kura tas-Saħħa – Infezzjonijiet Assoċjati, l-investment 1 Faċilitajiet ġodda għall-Istabbiliment tad-Demm ta' Ċipru u l-akkwist tat-tagħmir assoċjat bl-aħħar teknoloġija taħt il-komponent 2.1 Newtralità klimatika, Effiċjenza enerġetika u Enerġija Rinnovabbli; investment 2 Impjanti tat-Trattament tal-Ilma: aġġornament għat-titjib tal-kwalità tal-ilma,

investiment 4 Ġestjoni Intelliġenti tan-Netwerks tal-Ilma u tad-Drenaġġ, investiment 5 miżuri kontra l-għargħar u l-ġbir tal-ilma taħt il-komponent 2.3 Ġestjoni Intelliġenti u Sostenibbli tal-Ilma; riforma 4 Tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari fl-Industrija taħt il-komponent 3.1 Mudell Ġdid ta' Tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija; riforma 2 Inċentivi għall-investimenti u l-kapital uman fir-R&I, riforma 3 Introduzzjoni ta' politiki u inċentivi biex jiffaċilitaw u jrawmu l-aċċess għal infrastruttura u laboratorji tar-riċerka ffinanzjati pubblikament, investiment 1 Stabbiliment u operat ta' uffiċċju ċentrali għat-trasferiment tal-għarfien taħt il-komponent 3.2 Riċerka u Innovazzjoni Msaħħa; riforma 4 Tfassil u stabbiliment ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali, Investiment 4 Skema għall-aġġornament diġitali tal-intrapriżi taħt il-komponent 3.3 Appoġġ min-Negozju għall-Kompetittività; Strateġija ta' riforma 3 biex jiġu indirizzati l-inadegwatezzi tas-sistema tat-tranżazzjonijiet tal-proprjeta' (titoli ta' proprjeta'), riforma 9 Titjib fil-ġbir tat-taxxa u l-effettività tad-Dipartiment tat-Taxxa taħt il-komponent 3.5 Salvagwardja tal-Istabbiltà Fiskali u Finanzjarja; riforma 3 Diġitalizzazzjoni tal-Proċeduri tal-Pulizija Digipol taħt il-komponent 4.2 Promozzjoni tal-gvern elettroniku; riforma 1 Indirizzar tan-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol (l-Edukazzjoni Sekondarja u Għolja) taħt il-komponent 5.1 Immodernizzar tas-sistema edukattiva, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u r-riforma 1 riforma tas-Sistema tal-Assigurazzjoni Soċjali u Ristrutturar tas-Servizzi tal-Assigurazzjoni Soċjali taħt il-komponent 5.2 Suq tax-xogħol, protezzjoni soċjali, assistenza soċjali u inklużjoni. Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

- (23) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi żewġ riformi ġodda u żewġ investimenti ġodda. Ir-Riforma 6.R1 dwar ir-regolamentazzjoni u l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni ta' Klijenti Attivi, Awtokonsumaturi Rinnovabbli, Komunitajiet tal-Enerġija taċ-Ċittadini, Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli u Rispons għad-Domanda permezz tar-Rappreżentanza Kumulattiva fis-suq tal-elettriku għandha l-għan li tippermetti l-adozzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli fil-pajjiż, u b'hekk tippermetti penetrazzjoni aktar rapida tal-enerġija rinnovabbli fl-ekonomija. Ir-Riforma 6.R2 dwar l-introduzzjoni ta' qafas regolatorju għall-konnessjoni tal-punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi man-network ta' distribuzzjoni tiffoka fuq l-istabbiliment ta' linji gwida għall-formulazzjoni ta' oqfsa regolatorji rigward l-akkwist ta' servizzi ta' flessibilità mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni (DSO) kif ukoll il-konnessjoni ta' punti tal-iċċarġjar tal-EV man-network ta' distribuzzjoni għandha l-għan li tiffaċilita l-introduzzjoni ta' EVs u tippermetti lill-konsumaturi finali jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq tal-elettriku. L-Investment 6.I3 dwar il-Promozzjoni tat-titjib estensiv tal-enerġija tal-istokk tad-djar għandu l-għan li jnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja u finali u l-emissjonijiet tas-CO2 fid-djar eżistenti. Barra minn hekk, l-iskema se tippromwovi l-installazzjoni ta' sistemi tal-enerġija rinnovabbli f'dawn l-unitajiet domestiċi. Il-programm ta' rinnovazzjoni mistenni jwassal għal tnaqqis ta' 30 % bħala medja fid-domanda għall-enerġija primarja tal-bini rinnovat. L-Investment 6.I7 dwar ir-riċerka tematika f'intrapriżi għal soluzzjonijiet ta' produzzjoni, ħżin, trażmissjoni u distribuzzjoni tal-enerġija jiffoka fuq inċentivi għal attivitajiet immirati tar-riċerka u innovazzjoni (R&I) li għandhom l-għan li jipprovdu soluzzjonijiet għal konġestjonijiet identifikati fil-produzzjoni, il-ħżin, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija (infrastruttura, ħżin, grilja, eċċ.) li jtejbu l-funzjonalità u l-effiċjenza tal-infrastruttura tal-grilja nazzjonali, jaċċelleraw l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (RES) u jnaqqsu b'mod sinifikanti l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-pajjiż.

- (24) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi wkoll miżuri fuq skala akbar li jaffettwaw ħames miżuri taħt il-komponenti 2.1. In-newtralità klimatika, l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, 2.2. Trasport sostenibbli, 3.1. Mudell ġdid ta' tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija u 3.2. Riċerka u innovazzjoni msaħħa. L-espansjonijiet tal-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU jintroduċu titjib sostantiv fil-livell ta' ambizzjoni tal-miżuri diġà inklużi fl-RRP nazzjonali.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (25) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u l-Anness V, il-kriterju 2.1, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmijin fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi li jħabbat wiċċu magħhom l-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.

- (26) Skont il-valutazzjoni tal-RRP inizjali, l-RRP spjega b' mod ċar kif kull assi ta' politika (is-saħħa u protezzjoni ċivili; it-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika; ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomija; it-trasformazzjoni diġitali; u s-suq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-kapital uman) jikkontribwixxi għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241. Ġie enfasizzat b' mod partikolari li l-RRP kellu l-għan li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi emissjonijiet għoljin ta' gassijiet serra u lakuni fil-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart. Barra minn hekk, skont il-valutazzjoni tal-RRP inizjali, l-RRP kien jinkludi miżuri mmirati biex jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali, b' enfasi fuq il-konnettività u s-soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku, u jintegraw it-tħassib dwar id-diġitalizzazzjoni f' miżuri f' oqsma oħra. Ġie enfasizzat ukoll li t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv kien mistenni li jitrawwem permezz ta' miżuri li jtejbu l-aċċess għall-finanzjament għall-kumpaniji, riformi u investimenti mmirati tar-riċerka u l-innovazzjoni, u li l-RRP ikkontribwixxa għat-tiżni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza ta' Ċipru mal-Unjoni permezz ta' miżuri fis-sistema tas-saħħa u fl-infrastruttura soċjali fost l-oħrajn. Xi wħud minn dawk il-miżuri huma ta' benefiċċju wkoll għar-reżiljenza tas-saħħa u ekonomika, soċjali u istituzzjonali, u l-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażaġh ġew deskritti wkoll bħala prominenti fl-RRP, u jkopru l-miżuri tal-edukazzjoni u tal-impjiegi.
- (27) Il-Kummissjoni tqis li l-modifika tal-RRP flimkien mal-kapitolu tar-REPowerEU ma għandhiex impatt fuq il-valutazzjoni tal-kontribut xieraq tal-RRP għas-sitt pilastri li jirrappreżentaw fil-biċċa l-kbira rispons komprensiv u bbilanċjat b' mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali kif stabbilit fil-paragrafu preċedenti.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, il-kriterju 2.2 tiegħu, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (il-klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lil Ċipru, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, u r-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jew sfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati ufficialment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (29) B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati b'mod formali mill-Kunsill qabel il-valutazzjoni tal-RRP modifikat mill-Kummissjoni. Billi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Ċipru ġiet aġġustata 'l isfel, ir-rakkomandazzjonijiet tal-2022 u tal-2023 mhux relatati mal-isfidi tal-enerġija mhumiex ikkunsidrati fil-valutazzjoni ġenerali.
- (30) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha bħala parti mis-Semestru Ewropew 2023, il-Kummissjoni ssib li r-rakkomandazzjoni dwar it-tiżni tas-superviżjoni tal-kumpaniji akkwirenti ta' kreditu (rakkomandazzjoni 2.3 tal-2019) ġiet implimentata bis-sħiħ. Inkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-gvernijiet lokali (rakkomandazzjoni 1.3 tal-2019) u dwar l-operazzjonalizzazzjoni tas-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa (rakkomandazzjoni 3.4 tal-2019).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (31) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Ċipru mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari biex tissaħħaħ l-effiċjenza tas-settur pubbliku (rakkomandazzjoni 1 tal-2019 u rakkomandazzjoni 4.3 tal-2020), inkluża s-sistema ġudizzjarja (rakkomandazzjoni 5 tal-2019 u rakkomandazzjoni 4 tal-2020) u s-sistema tal-kura tas-saħħa (rakkomandazzjoni 3.4 tal-2019 u rakkomandazzjoni 1.2 tal-2020), biex jiġu indirizzati l-isfidi rigward is-suq tax-xogħol (rakkomandazzjoni 3 tal-2019 u rakkomandazzjoni 2 tal-2020), biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju (rakkomandazzjoni 4 tal-2019 u rakkomandazzjoni 3 tal-2020), biex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja (rakkomandazzjoni 2 tal-2019) u biex tingħata spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika (rakkomandazzjoni 4 tal-2019, rakkomandazzjoni 3 tal-2020, rakkomandazzjoni 4 tal-2022 u rakkomandazzjoni 4 tal-2023), inkluża ż-żieda fl-użu tal-politiki dwar l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-ambjent.

(32) Il-Kapitolu tar-REPowerEU huwa mistenni li jsaħħaħ l-ambizzjoni tal-RRP fir-rigward tas-CSRs rilevanti fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. Żewġ miżuri fuq skala akbar għandhom l-għan li jespandu l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-innovazzjoni marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika u jikkontribwixxu għat-titjib u l-immodernizzar tal-grilja tal-elettriku, inklużi l-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija, f'konformità mar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4 tal-2023. Ċipru għandu l-għan li jippromwovi sors ta' enerġija rinnovabbli fl-abitazzjonijiet u l-użu tagħhom mill-awtoritajiet pubbliċi, iħeġġeġ it-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u jenħtieġ li jintroduċi qafas regolatorju għall-operat tal-komunitajiet tal-enerġija, li jindirizza aktar ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar l-użu ta' sors ta' enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili (rakkomandazzjoni 4 tal-2022, rakkomandazzjoni 4 tal-2023). Barra minn hekk, Ċipru qed jestendi u jaċċellera l-effiċjenza enerġetika bl-adozzjoni ta' miżuri dwar l-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet, l-awtoritajiet lokali u pubbliċi, u permezz tat-titjib tal-enerġija ta' intrapriżi kbar u l-istokk ta' djar eżistenti (rakkomandazzjoni 4.5 tal-2022 u rakkomandazzjoni 4.4 tal-2023). It-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal abitazzjonijiet individwali, b'mod partikolari mmirat lejn unitajiet domestiċi vulnerabbli, jenħtieġ li jgħin biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku f'Ċipru (rakkomandazzjoni 4.5 tal-2023). Fir-rigward tal-bidla lejn trasport sostenibbli, Ċipru żied l-ambizzjoni tiegħu b'miżuri dwar il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-EV u l-istabbiliment tal-qafas regolatorju għall-konnessjoni tal-punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi man-network ta' distribuzzjoni (rakkomandazzjoni 4.6 tal-2022 u rakkomandazzjoni 4.6 tal-2023).

- (33) Xi miżuri dwar l-ekonomija ċirkolari, il-ġestjoni tal-ilma u d-diġitalizzazzjoni ġew modifikati, tneħħew parzjalment jew tneħħew, mingħajr ma tnaqqset b'mod sinifikanti l-ambizzjoni tal-RRP. Il-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-Lvant ta' Nikosija għall-użu mill-ġdid tal-effluwenti tat-trattament tal-ilma mormi u żewġ Ċentri ta' Użu mill-Ġdid u Tiswija minbarra d-distribuzzjoni ta' komposturi f'żoni rurali tneħħew mill-RRP minħabba t-tnaqqis tal-kontribuzzjoni finanzjarja. L-istabbiliment tal-faċilitajiet ta' ġestjoni tal-iskart tal-bhejjem u tal-prodotti tal-annimali f'Orounda tneħħa skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 minħabba kumplessitajiet mhux previsti u dewmien fl-akkwist. L-investiment fuq kejbil tad-*data* taħt il-baħar għall-Greċja (C4.1I3) tneħħa wkoll mill-RRP minħabba t-tnaqqis tal-kontribuzzjoni finanzjarja, filwaqt li tqiesu wkoll l-inizjattivi privati għal kejbils sottomarini oħra li tfaċċaw wara l-RRP oriġinali. Madankollu, il-miżuri li jifdal fl-RRP modifikat ikomplu jindirizzaw b'mod sinifikanti r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rigward l-ekonomija ċirkolari, il-ġestjoni tal-iskart u l-antiċipazzjoni tal-investimenti fid-diġitalizzazzjoni (rakkomandazzjoni 4.2 tal-2019 u rakkomandazzjonijiet 3.5 u 3.7 tal-2020).
- (34) Billi jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq, il-RRP modifikat huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi, kif identifikati fir-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019, fl-2020 u fl-2022, li Ċipru qed jesperjenza, b'mod partikolari fir-rigward ta' dejn privat, tal-gvern u estern għoli, defiċit kbir fil-kont kurrenti u proporzjon għoli ta' self improduttiv.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (35) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (36) Il-bidliet introdotti mir-reviżjoni tal-RRP, bil-modifika tal-miżuri eżistenti jew l-introduzzjoni ta' miżuri ġodda, ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva mwettqa għall-RPP oriġinali fir-rigward ta' dan il-kriterju ta' valutazzjoni.
- (37) Fir-rigward tar-riformi u l-investimenti l-ġodda introdotti fil-kapitolu REPowerEU, Ċipru pprova valutazzjoni sistematika ta' kull miżura skont il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” f'konformità mal-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”² L-informazzjoni pprovduta tippermetti li jiġi konkluż li l-RRP modifikat huwa mistenni li jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

² ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

Kontribut għall-objettivi tar-REPowerEU

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-Anness V, il-kriterju 2.12 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, għal żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, għal żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew għat-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (39) Il-miżuri kollha fuq skala akbar u ġodda fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, l-iskema mkabbra għat-titjib tal-kompetittività u l-effiċjenza enerġetika ta' intrapriżi kbar f'Ċipru u r-riforma dwar l-introduzzjoni ta' qafas regolatorju għall-operat tal-komunitajiet tal-enerġija huma mistennija li jikkontribwixxu direttament għall-objettiv tar-REPowerEU skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 2021/241 rigward it-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika fil-bini, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, iż-żieda fil-produzzjoni u l-użu ta' bijometan sostenibbli u idroġenu rinnovabbli jew mhux fossili u ż-żieda fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli. B'mod partikolari, bosta mill-programmi ta' rinnovazzjoni huma mistennija li jwasslu għal tnaqqis ta' 30 % tad-Domanda għall-enerġija primarja tal-bini rinnovat.

- (40) Il-miżuri fil-qasam tal-EVs u l-investiment il-ġdid fir-riċerka tematika fl-intrapriżi għas-soluzzjonijiet tal-produzzjoni, il-ħżin, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija se jikkontribwixxu għall-objettiv tar-REPowerEU skont l-Artikolu 21c(3), il-punt (e) tar-Regolament (UE) Nru 2021/241 li jiġu indirizzati l-konġestjonijiet interni u transfruntiera fit-trażmissjoni tal-enerġija u jiġu appoġġati t-trasport b'emissjonijiet żero u l-infrastruttura tiegħu, inklużi l-ferroviji. B'mod partikolari, ir-riforma dwar l-introduzzjoni ta' qafas regolatorju għall-konnessjoni tal-punti tal-irriċarġjar tal-EVs man-network ta' distribuzzjoni u ż-żieda tal-investiment fil-miżura dwar l-użu mifrux tal-EVs jenħteġ li tiffaċilita l-introduzzjoni ta' vetturi elettriċi, li jwassal għal aktar inċentivi għall-intrapriżi u għall-individwi biex jaqilbu għal vetturi b'emissjonijiet żero u b'hekk inaqqsu l-konsum tal-fjuwils fossili għat-trasport. L-investiment fir-riċerka tematika msemmi hawn fuq se jiffoka fuq inċentivi għal attivitajiet immirati tar-R&I li għandhom l-għan li jipprovdu soluzzjonijiet għal konġestjonijiet identifikati fil-produzzjoni, il-ħżin, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija li se jtejbu l-funzjonalità u l-effiċjenza tal-infrastruttura tal-grilja nazzjonali, jaċċelleraw l-integrazzjoni tar-RES u jnaqqsu b'mod sinifikanti l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-pajjiż.

- (41) Fl-aħħar nett, l-investiment akbar fuq programm tematiku ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni dwar it-tranżizzjoni ekoloġika se jikkontribwixxi għall-objettiv tar-REPowerEU, l-Artikolu 21c(3), il-punt (f) tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar l-appoġġ tal-objettivi ta' hawn fuq permezz ta' rikwalifikazzjoni aċċellerata tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet ekoloġiċi, kif ukoll appoġġ għall-ktajjen tal-valur f'materjali u teknoloġiji ewlenin marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-miżuri kollha ta' hawn fuq huma mistennija li jikkontribwixxu għall-objettivi tar-REPowerEU f'koerenza u komplementarjetà ma' għadd ta' riformi u investimenti oħra promossi skont l-RRP, prinċipalment taħt il-komponenti 2.1 u 2.2, kif ukoll taħt inizjattivi nazzjonali oħra jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni bħal programmi kofinanzjati mill-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi għal Tranżizzjoni Ġusta (eż. inċentivi għall-enerġija/ħżin ta' sistemi ta' enerġija rinnovabbli). Il-miżuri jsaħħu dawk inklużi fl-RRP oriġinali dwar l-effiċjenza enerġetika, billi jżidu l-pass għar-rinnovazzjoni tal-enerġija kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għall-industrija.
- (42) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jindirizza wkoll il-ħtieġa li ssir diversifikazzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili billi jiġi aċċellerat l-użu tal-enerġija rinnovabbli u jiġu appoġġati r-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika u b'mod aktar partikolari l-produzzjoni, il-ħżin, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija. Dan se jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-funzjonalità u l-effiċjenza tal-infrastruttura tal-grilja nazzjonali, jaċċellera l-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija rinnovabbli, u b'hekk iżid is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija ta' Ċipru.

Miżuri li għandhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (43) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-Anness V, il-kriterju 2.13 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija li fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) ikollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (44) Il-biċċa l-kbira tal-miżuri għandhom effett transfruntier peress li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-domanda u d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, jew bl-elettrifikazzjoni, bil-promozzjoni tal-produzzjoni u l-integrazzjoni ta' RES fin-network jew billi jappoġġaw l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija, u b'hekk inaqqsu l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-pajjiż. Din id-dipendenza mnaqqsa fuq il-fjuwils fossili jenħtieġ li tiġi riflessa wkoll fil-flussi transfruntiera tal-enerġija ta' Ċipru. Il-kostijiet totali ta' dawk il-miżuri jammontaw għal ammont li jaqbeż fil-biċċa l-kbira t-30 % tal-kostijiet stmati tal-kapitolu tar-REPowerEU.
- (45) Kważi l-miżuri kollha jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-domanda u d-dipendenza tal-fjuwils fossili. Xi wħud iħeġġu l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar fil-bini u fl-intrapriżi pubbliċi u privati, xi wħud jipromwovu l-produzzjoni u l-integrazzjoni ta' RES fin-network, u oħrajn jappoġġaw l-elettrifikazzjoni tal-vetturi. Dawn il-miżuri kollha jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili inkluż fil-livell tal-Unjoni, u dan jiġġustifika l-valutazzjoni li l-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) li jkollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (46) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e) u l-Anness V, il-kriterju 2.5 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jinkludi miżuri li fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 45 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP u 95 % tal-istima tal-kostijiet totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (47) Il-miżuri mneħħija jew imnaqqsa fir-rigward tal-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-RRP rigward it-tranżizzjoni ekoloġika filwaqt li l-kapitolu REPowerEU jagħti kontribut sinifikanti biex tiġi appoġġata aktar it-tranżizzjoni ekoloġika ta' Ċipru, peress li r-riformi u l-investimenti kollha jikkontribwixxu b'mod integrali għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, għaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika u għat-titjib tal-qafas regolatorju li jippermetti l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

(48) L-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jkompli jikkontribwixxi b' mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, kif ukoll għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 filwaqt li jikkonforma mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050. Il-miżuri tar-REPowerEU huma mistennija li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika billi jipromwovu l-użu dejjiemi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri ta' effiċjenza enerġetika fl-unitajiet domestiċi, fis-settur pubbliku u fil-kumpaniji, li jwassal għal tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-enerġija primarja. Barra minn hekk, ir-riforma dwar ir-regolamentazzjoni u l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni ta' klijenti attivi, awtokonsumaturi rinnovabbli, komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u rispons għad-domanda permezz tar-rappreżentanza kumulattiva fis-suq tal-elettriku se tippermetti l-adozzjoni dejjiema ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli fil-pajjiż, u b'hekk tippermetti penetrazzjoni aktar rapida tal-enerġija rinnovabbli fl-ekonomija. Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-EVs u l-istabbiliment tal-qafas regolatorju għall-konnessjoni tal-punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi man-network ta' distribuzzjoni se jżidu l-inċentivi għall-intrapriżi u l-individwi biex jaqilbu għal vetturi b'emissjonijiet zero. Fl-aħħar nett, l-investimenti tar-riċerka tematika li se jipprovdu inċentivi għal riċerka u innovazzjoni mmirati marbuta ma' teknoloġiji ġodda fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika u l-enerġija se jaċċelleraw l-integrazzjoni tas-SER u jnaqqsu l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-pajjiż.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (49) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 24,6 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP modifikat ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (50) Il-valutazzjoni pożittiva tal-kontribut għat-tranżizzjoni diġitali pprovduta fid-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-28 ta' Lulju 2021 tibqa' valida. L-RRP modifikat jinvolvi modifiki żgħar għal dsatax-il miżura rigward it-tranżizzjoni diġitali, it-tneħħija ta' żewġ miżuri rigward it-tranżizzjoni diġitali, u ma jinkludix miżuri ġodda li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali.

Ikkostjar

- (51) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU dwar l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (52) Għall-valutazzjoni tal-ikkostjar tal-RRP oriġinali fl-2021, l-informazzjoni dwar l-ikkostjar ipprovduta minn Ċipru għall-maġġoranza tal-miżuri kienet pjuttost dettaljata, il-metodoloġija ġiet spjegata tajjeb b'kalkoli faċli biex jiġu segwiti u kienet appoġġata minn evidenza. Ammont żgħir biss tal-kostijiet ġew meqjusa raġonevoli u plawżibbli sa livell medju jew baxx biss. B'mod ġenerali, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP oriġinali dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP kienet sa punt medju raġonevoli u plawżibbli, kienet konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u kienet proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni, u kisbet klassifikazzjoni B dak iż-żmien.
- (53) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżuri l-ġodda tar-REPowerEU u għall-miżuri eżistenti li l-modifiki tagħhom kienu jinvolvu valutazzjoni ġdida tal-kostijiet juru li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Fi ftit każijiet biss, id-dettalji dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex isiru l-istimi tal-kostijiet kienu limitati, parzjalment minħabba n-novità tal-miżuri. Dan jipprekludi klassifikazzjoni A għal dan il-kriterju ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri modifikati l-oħra kienu ġġustifikati, proporzjonali għall-miri riveduti l-ġodda u appoġġati minn kalkoli u evidenza dettaljata, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn l-istimi tal-kostijiet ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, l-istima tal-kost totali tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (54) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħrajn li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (55) Il-valutazzjoni oriġinali tal-RRP, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkonkludiet li l-arranġamenti proposti fl-RRP oriġinali kienu adegwati (klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u li l-arranġamenti kienu mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

- (56) Sa mill-valutazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni reali tas-sistema ta' verifika u kontroll Ċiprijotta. Dan jinkludi s-sejbiet preliminari tal-awditu dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni (PFIU) imwettaq mill-Kummissjoni f'Ċipru. Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontroll intern tal-RRP Ċiprijott hija ġeneralment adegwata, iżda għandha xi nuqqasijiet li jridu jiġu indirizzati permezz ta' stadju importanti ddedikat tal-awditjar u tal-kontroll. Dawn huma relatati ma' nuqqas ta' miżuri xierqa tal-PFIU fil-livell tal-korpi ta' implimentazzjoni u nuqqas ta' delimitazzjoni ċara bejn id-dmirijiet ta' kontroll u ta' implimentazzjoni. Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fil-RRP Ċiprijott modifikat u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni, inkluż għal kontrolli msaħħa, huma adegwati fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi, il-kunflitt ta' interess meta jintużaw il-fondi taħt il-Faċilità u biex jiġi evitat finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi oħra tal-Unjoni.
- (57) Jenħtiegħ li jiġi introdott stadju importanti addizzjonali dwar l-awditjar u l-kontroll. Dan għandu jiġi ssodisfat saż-żmien tal-preżentazzjoni tat-talba għal pagament li jmiss lill-Kummissjoni wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 u għandu jkun prerekwiżit għal kwalunkwe pagament futur. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva ta' miżuri PFIU proporzjonati - skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtiegħ li jinħarġu u jiġu ċċirkolati linji gwida obligatorji lill-korpi ta' implimentazzjoni kollha, li jindirizzaw l-oqsma kritiċi, inkluż il-valutazzjoni tar-riskju għat-tipi kollha ta' verifika, il-verifiki u l-proċeduri ta' evitar tal-finanzjament doppju, it-trattament tal-irregolaritajiet u l-iżvelar ta' informazzjoni protetta għal interventi ffinanzjati mill-Unjoni, ir-rekwiżiti tar-rekord tal-awditjar, u valutazzjoni komprensiva tar-riskju ta' frodi għall-awtoritajiet kontraenti kollha, u l-istabbiliment ta' funzjonijiet speċifiċi fi ħdan il-PFIU biex jiġu indirizzati l-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess, filwaqt li jiġu żgurati d-demarkazzjoni ċara tar-rwoli u l-allinjament xieraq tal-kontrolli ma' dawn il-linji gwida.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (58) Il-Kummissjoni tqis li l-modifiki mressqa minn Ċipru ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP kontra l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (c), (g), (j) u (k) tar-Regolament(UE) Nru 2021/241.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (59) Għall-emenda tal-RRP u l-elaborazzjoni tal-kapitolu tar-REPowerEU, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni wettqet konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali ewlenin, b'mod partikolari sabiex tidentifika r-riformi u l-investimenti li jridu jiġu inkorporati fil-kapitolu l-ġdid. Xi tħassib imqajjem fir-rigward tal-miżuri proposti li jridu jitneħħew mill-RRP, abbażi tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ġie indirizzat mill-kjarifiki pprovduti mill-Awtoritajiet kompetenti dwar l-intenzjoni li titkompla l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, permezz tal-baġit nazzjonali bl-appoġġ ta' finanzjament ieħor tal-Unjoni, jekk possibbli.
- (60) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU.

Ugwaljanza

- (61) Id-deskrizzjoni preċedenti tal-aspetti ta' implimentazzjoni u monitoraġġ tal-RRP kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tibqa' valida. Barra minn hekk, taħt l-investment 2.1I2 dwar il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali tal-effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f'unitajiet domestiċi b'konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli li jiżdied skont il-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU, id-definizzjoni ta' konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli li jistgħu jibbenefikaw mill-iskema hija estiża, billi jiżdiedu tmien kategoriji ġodda ta' gruppi vulnerabbli (differenzjati b'mod partikolari skont il-kriterji tal-introjt u tad-diżabilità), u b'hekk tippermetti li madwar 1 400 unità domestika oħra b'konsumaturi vulnerabbli jibbenefikaw mill-iskema.

Valutazzjoni pożittiva

- (62) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, bil-konstatazzjoni li l-RRP jikkonferma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju u tas-self mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (63) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU ta' Ċipru huma ta' EUR 1 220 971 974. Peress li l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP modifikat hija ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Ċipru, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP modifikat ta' Ċipru inkluż il-kapitolu REPowerEU tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat ta' Ċipru inkluż il-kapitolu REPowerEU. Dan l-ammont huwa ugwali għal EUR 915 758 509.
- (64) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fl-1 ta' Settembru 2023 Ċipru ppreżenta talba għall-allokkazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija msemmija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. L-ispiża stmata totali tar-riformi u l-investimenti li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f) tar-Regolament (UE) 2021/241 inklużi fil-Kapitolu tar-REPowerEU huma ta' EUR 104 580 000. Peress li dan l-ammont huwa ogħla mis-sehem tal-allokkazzjoni disponibbli għal Ċipru, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għal Ċipru jkun daqs is-sehem tal-allokkazzjoni. Dan l-ammont huwa ugwali għal EUR 52 408 822.

- (65) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, fil-21 ta' Frar 2023, Ċipru ppreżenta talba motivata biex tittrasferixxi l-allokkazzjoni proviżorja tagħha li fadal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit lill-Faċilità, li tammonta għal EUR 52 056 350. Jenħtieġ li dan l-ammont isir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu tar-REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli.
- (66) Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għal Ċipru jenħtieġ li tkun ta' EUR 1 020 223 681.

Prefinanzjament tar-REPowerEU

- (67) Ċipru talbet il-finanzjament li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU tagħha: trasferiment ta' EUR 52 056 350 mill-allokkazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 52 408 822 mid-dħul mill-Iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

² Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

- (68) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fl-1 ta' Settembru 2023 Ċipru talab prefinanzjament ta' 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Ċipru soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li jrid jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u Ċipru skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 u f'konformità miegħu.
- (69) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru u reżiljenza għal Ċipru tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Ċipru hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat ta' Ċipru fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Ċipru kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li tammonta għal EUR 1 020 223 681* Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta' EUR 818 213 837, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;

- (b) ammont ta' EUR 97 544 672, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
- (c) ammont ta' EUR 52 408 822**, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għal riformi u investimenti li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f) ta' dak ir-Regolament;
- (d) ammont ta' EUR 52 056 350, ittrasferit għall-Faċilità mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribut finanzjarju tal-Unjoni disponibbli għal Ċipru f'pagamenti parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 130 772 986 għandu jsir disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

Ammont ta' EUR 20 893 034 għandu jsir disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jitħallas mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali f'segment wieħed jew f'bosta segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

* Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Ċipru tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

** Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 ta' Ċipru, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness IVa ta' dak ir-Regolament.”;

(3) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
